

Brussell, 7 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15557/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0254 (NLE)

SCH-EVAL 287
SIRIS 212
COMIX 822

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 7 ta' Diċembru 2017

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 14233/17 RESTREINT UE

Suġġett: **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-applikazzjoni mid-Danimarka tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen**

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni li tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-applikazzjoni mid-Danimarka tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2017.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

RAKKOMANDEZZJONI

dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-applikazzjoni mid-Danimarka tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jstabilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-deċiżjoni li tagħti rakkomandazzjoni huwa li tirrakkomanda lid-Danimarka azzjonijiet ta' rimedju biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) li saret fl-2017. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri l-kostatazzjonijiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati tul l-evalwazzjoni ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2017)2900.
- (2) L-Uffiċċju SIRENE nazzjonali Daniż huwa tabilħaqq ċentru ta' għarfien li jikkoopera mill-qrib ma' servizzi u awtoritajiet ċentrali u lokali oħrajn fil-pajjiż. Ġew żviluppatti linji gwida u struzzjonijiet ċari dwar l-użu tas-SIS u dawn huma għad-dispożizzjoni tal-utenti.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari mal-obbligu li s-SIS tintuża b'mod sistematiku waqt il-kontrolli tas-sigurtà, il-projbizzjoni li jinħarġu twissijiet bl-iskop li jiġi rrifjutat id-dħul jew il-permanenza ta' persuni b'nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE u l-obbligu li tintwera l-informazzjoni kollha disponibbli fis-SIS lil utenti, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1, 2 u 3.
- (4) Din id-deċizzjoni li tagħti rakkomandazzjoni għandha tiġi trasmessa lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, l-Istat Membru evalwat jenħtieġ li, skont l-Artikolu 16, il-paragrafu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jistabilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jirrimedja kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li d-Danimarka

1. tiżgura li l-utenti aħħarin mid-distretti tal-pulizija jużaw l-applikazzjoni POLKON, li toffri tfittix integrat fil-bażijiet tad-data nazzjonali u fis-SIS, bħala l-għodda primarja tagħhom tat-tfittix biex jivverifikaw persuni jew oġġetti, ħalli verifika f'bażi ta' data nazzjonali tal-pulizija dwar xi persuna jew oġġett tkun dejjem tinkludi wkoll verifika fis-SIS;
2. timplimenta proċedura li tipprevjeni l-ħruġ ta' twissijiet dwar każda ta' dħul fir-rigward ta' persuni b'nazzjonalità ta' xi Stat Membru tal-UE;
3. tiżviluppa aktar l-applikazzjoni POLKON ħalli l-utenti jkunu jistgħu jifih u jkoll ir-ritratti li jkun ittelligħu fis-SIS fil-format .pdf;
4. issaħħaħ il-kontinwazzjoni tal-ħidma tas-sistema nazzjonali billi toħloq konnessjoni ta' emerġenza tan-netwerk mas-sistema ċentrali u billi toħloq sit operazzjonali ta' emerġenza;

5. tiżgura li jkun hemm għad-dispożizzjoni riżorsi biżżejjed ta' persunal fl-Uffiċċju SIRENE sabiex laħħaq max-xogħol dejjem jiżdied;
6. tqis il-possibbiltà li tuża' apparat mobbli għat-tfittix fis-SIS;
7. tqis il-possibbiltà li tqabba is-sistema nazzjonali tar-Rikonossiment Awtomatiku tal-Pjanċi (ANPR) mas-SIS;
8. tkompli tiżviluppa l-applikazzjoni POLKON sabiex:
 - a) tiżgura li l-marki ta' twissija jidhru fl-ewwel skrin li jipprovdi l-ewwel lista bir-riżultati;
 - b) l-indikazzjonijiet tal-identitajiet użati ħażin jidhru b'mod aktar prominenti fuq l-iskrin tal-utent, u;
 - c) tiżgura li l-lista tar-riżultati tat-tfittix tippreżenta l-hits mis-SIS qabel il-hits mill-Interpol;
9. tiżgura li jingħata taħriġ regolari u kontinwu dwar is-SIS lill-uffiċjali tal-pulizija u tal-pulizija tal-fruntiera;
10. tagħmel sforz kontinwu biex il-pulizija jsiru aktar familjari mal-funzjonalitajiet tal-POLKON u mal-proċeduri tas-SIS;
11. tiżgura li jkun hemm disponibbli għall-utenti tabella ta' translitterazzjoni;
12. timplimenta tfittix b'diversi kategoriji għal oġġetti fl-applikazzjoni POLKON;
13. tiżviluppa, fis-sistema nazzjonali, l-għodda biex jipproduċu statistika dettaljata dwar l-użu tas-SIS fil-pajjiż;
14. iżżid l-użu ta' ċerti kategoriji ġodda ta' twissija dwar oġġetti bħal kontejners u dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vetturi;

15. tiżviluppa proċedura li tiżgura li dokumenti misruqa jew mitlufa li jappartjenu lil persuni b'nazzjonalità barranija jiddaħħlu fis-SIS ukoll;
16. tagħti aċċess dirett lill-awtoritajiet tad-dwana għas-SIS għall-finijiet li jwettqu verifiki fuq oġġetti jew persuni waqt il-kontrolli doganali.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President
